# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 92/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Joseph Aquilina**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Joseph Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 353451M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 t' Ottubru, 2014 u fil-granet ta' qabel fl-appogg ta' bejn propjeta' numru 1 u 2 fi Triq il-Kbira San Guzepp, gewwa l-Hamrun u propjeta' numru 5, fi Triq Miggiani gewwa l-Hamrun, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi

obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew ihott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wiehed ghalih ghall-hlas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew tal-parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Frar, 2015 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ihallas multa ta' mitejn Euro (€200.00) u a tenur ta' l-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnatlu sabiex fi zmien xahar jikkonforma ruhu mal-ligi u dan taht penali ta' €10 kull jum li fih ikompli n-nuqqas. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal hlas ta' esperti billi f'dan il-kaz ma rrizultax li nhatru xi esperti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Aquilina, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati u tilliberah u b'mod sussidjarju, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami li l-wiehed mill-elementi tar-reat ta' *raggion fattasi* ma kienx jirrizulta u li ghalhekk ma setghetx tinsab htija kontra tieghu. Fit-tieni lok, huwa jilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt li jaghmel difiza konsistenti filli l-ewwel Qorti cahdet l-oggezzjoni tieghu li jinstema' xhud li kien qieghed fl-awla waqt il-kors tal-kawza;

2. Illi waqt is-sottomissjonijiet orali tieghu, l-abbli difensur tal-appellant iddikjara illi l-appell tieghu huwa bazat fuq l-ewwel aggravju. L-Avukat Generali, konsegwentement illimita s-sottomissjonijiet tieghu ghall-ewwel aggravju u din il-Qorti tifhem illi ghalhekk t-tieni aggravju kien irtirat. Anke li ma kienx hekk, l-ilment tal-appellant mill-fatt illi l-ewwel Qorti kkoncediet lix-xhud, prezenti fl-awla waqt id-deposizzjoni tal-kwerelant, sabiex jipprocedi bid-deposizzjoni tieghu li kienet limitata biex jikkonferma jekk kienx qed jgharaf id-dokument esebit mill-kwerelant mhux gustifikat. L-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod korrett in rigward u din il-Qorti ma ghandha xejn aktar xi tghid dwarha hlief li dan seta' jsir ai termini tal-artiklu 641 tal-Kodici Kriminali.

3. L-aggravju tal-appellant ghalhekk jaggira fuq il-fatt li l-kwerelant ma ressaqx l-ahjar prova biex juri li hu l-pussessur tal-fond. Tajjeb ghalhekk li jkunu rikapitolati l-fatti dwar dan il-kaz li fis-semplicita' taghha huma li adjacenti ghall-fond tal-appellant kien jezisti fond iehor li kellu zewgt itwieqi jaghtu ghal fuq il-bejt tal-istess appellant. Dan il-fond twaqqa' u inbena wiehed gdid minfloku b'tieqa wahda minflok tnejn. Din it-tieqa,

izda, sfat imbarrata minn naha tal-bejt tal-appellant u ghalhekk il-kwerelant talab li jinbdew proceduri kriminali kontra tieghu. Quddiem l-ewwel Qorti xehed il-kwerelant li ddikjara ghandu din il-proprjeta' il-Hamrun li tgawdi minn servitu gravanti dik tal-appellant liema proprjeta' tinsab mikrija lis-socjeta' Jesmond Financial Services li issa qed tilmenta mill-eghluq ta' din it-tieqa. Xehed ukoll certu Raymond Mifsud li ddikjara li kien qed jgharaf id-dokument mmarkat PA1 li huwa dikjarazzjoni maghmula quddiem Nutar Pubbliku bil-gurament li meta huwa u Mary Mifsud bieghu il-fond lill-Philip Alamango in rappresentanza tas-socjeta' Gzira Properties Limited, l-immobbli kienet ilha tgawdi minn servitu' ta' zewgt itwieqi li jaghtu ghal fuq il-proprjeta' numru 5, Triq Miggiani l-Hamrun;

4. L-ilment tal-appellant issa ghalhekk jista' jkun spjegat ahjar u dan hu radikat mir-ragunament li l-prosekuzzjoni u l-kwerelant kellhom id-dmir li jressqu l-prova dwar l-ewwel element tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali billi igibu dik il-prova li s-socjeta' kwerelanta kellha titolu ta' pussess u li kienet qed tgawdi minn dak it-titolu;

5. L-appellant jaqbel illi l-fatti jipotizzaw ir-reat ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali fejn hu assodat fil-gurisprudenza illi dan jaghmel minn erba' elementi. Fejn ma jaqbilx mal-ewwel Qorti, izda, huwa dwar il-konkluzzjoni taghha li l-ewwel element kien sodisfacentement pruvat. L-ewwel Qorti ezaminat l-fatti mill-ottika ta' dak ripetutament ritenut fil-gurisprudenza kwantu l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-

imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

6. L-ewwel Qorti strahet fuq il-prova migjuba mill-kwerelant illi konsistenti principalment fid-deposizzjoni tieghu bil-gurament illi huwa ghandu il-proprjeta' in mertu u li din hija mikrija lil socjeta' li issa qed tilmenta mill-eghluq ta' din it-tieqa. Din ix-xhieda ma kienet kontradetta bl-ebda mod, lanqas kontraezaminata u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha kull dritt tistrieh fuq dik il-prova. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-kwerelant huwa l-possessur tal-bini milqut mill-azzjoni spoljandi tal-appellant u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba din id-decizjoni;

7. Kwantu, ghat-talba alternattiva dwar riforma fil-piena erogata mill-ewwel Qorti, stante li din hija fil-parametri tal-ligi u hija pjuttost klementi u ragjonevoli ma tarax ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba l-istess;

8. Ghar-ragunijiet infraskritti, filwaqt illi tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju (vide ragunament *supra)*, l-appell qed ikun michud.